

Talba għal deċiżjoni preliminari magħmula mit-Tribunal Judicial da Comarca do Porto (Il-Portugall) fit-13 ta' Frar 2008 — Santa Casa da Misericórdia de Lisboa vs Liga Portuguesa de Futebol Profissional (CA/LPFP), Baw International Ltd u Betandwin.com Interactive Entertainment

(Kawża C-55/08)

(2008/C 92/35)

Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal Judicial da Comarca do Porto

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Santa Casa da Misericórdia de Lisboa

Konvenuti: Liga Portuguesa de Futebol Profissional (CA/LPFP), Baw International Ltd u Betandwin.com Interactive Entertainment

Domandi preliminari

- 1) Il-fatt li huwa biss l-Istat li għandu d-“dritt li jorganizza loġhob ta' l-ażżard jew tal-flus” (Artikolu 9 tad-digriet-leġiżlattiv Nru 422/89, tat-2 ta' Diċembru 1989, emendat mid-digriet-leġiżlattiv Nru 10/95, tad-19 ta' Jannar 1995, u mid-digriet-leġiżlattiv Nru 40/2005, tas-17 ta' Frar 2005) u “li jintroduċi sistemi totalizzaturi ta' teħid ta' imħatri” (Artikolu 1 tad-digriet-leġiżlattiv Nru 84/85, tas-17 ta' Diċembru 1985, emendat mid-digriet-leġiżlattiv Nru 317/2002) huwa konformi mar-regoli tad-dritt Komunitarju [...] li jstabbilixxu l-prinċipji tal-libertà li jiġu provduti servizzi, tal-kompetizzjoni libera u tal-projbizzjoni tal-monopolji ta' l-Istat?
- 2) Liema kriterji għandhom jintużaw sabiex tiġi interpretata l-leġiżlazzjoni nazzjonali li tirrestrinġi dawn il-prinċipji, sabiex jiġi stabbilit jekk dawn ir-restrizzjonijiet humiex ammissibbli fid-dawl tar-regoli tad-dritt Komunitarju [...]?
- 3) Il-projbizzjoni fuq l-irreklamar ta' loġhob ta' l-ażżard u tal-flus, jekk ikunu s-suġġett ewlieni tal-messaġġ, fid-dawl ta' l-eċċezzjoni fir-rigward ta' l-irreklamar tal-loġhob organizzat mis-Santa Casa da Misericórdia de Lisboa, hija konformi mar-regoli tad-dritt Komunitarju [...] li jstabbilixxu l-prinċipji tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, tal-kompetizzjoni libera u tal-projbizzjoni tal-monopolji ta' l-Istat?

Talba għal deċiżjoni preliminari magħmula mit-Tallinna Halduskohus (L-Estonja) fit-13 ta' Frar 2008 — Pärlitigu OÜ vs Maksu- ja Tolliameti Põhja maksu- ja tollikeskus

(Kawża C-56/08)

(2008/C 92/36)

Lingwa tal-kawża: L-Estonjan

Qorti tar-rinviju

Tallinna Halduskohus

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Pärlitigu OÜ

Konvenuti: Maksu- ja Tolliameti Põhja maksu- ja tollikeskus

Domandi preliminari

- 1) In-Nomenklatura Magħquda tat-Tariffa Doganali Komuni li tiffirma l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ⁽¹⁾, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana għandha tiġi interpretata fis-sens li għadam tas-sinla ffriżat (għadam bil-laħam tal-ħut) ta' salamun ta' l-Atlantiku mrobbi (*Salmo salar*), miksub wara li l-ħut jinqata' f'qatgħat, adegwat għall-konsum mill-bniedem u normalment ikkummerċjalizzat bħala ikel, jaqa' taħt
 - (a) is-subintestatura 0511 91 10, “fdal tal-ħut”, jew
 - (b) is-subintestatura 0303 22 00 15, “Salamun ta' l-Atlantiku (*Salmo salar*) — oħrajn — oħrajn”?
- 2) Jekk ir-risposta għad-domanda 1 hija l-alternattiva (b), it-tabella fl-Artikolu 1(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 85/2006 ⁽²⁾, tas-17 ta' Jannar 2006, li jimponi dazju definittiv kontra d-dumping u jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' salamun imrobbi li joriġina min-Norveġja, hija nulla peress li tmur kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat KE safejn, skond din it-talbella, il-prezz ta' importazzjoni minimu stabbilit għas-sinla ta' salamun iffriżati huwa ogħla mill-prezz ta' importazzjoni minimu għal ħut sħiħ u ħut bir-ras imsewwi?

⁽¹⁾ ĠU 1987 L 256, p. 1.

⁽²⁾ ĠU 2006 L 15, p. 1.